Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri - Għawdex)

Imhallef Anthony Ellul

Illum il-Gimgha 23 ta' Gunju 2017

Appell Civili numru:- 30/2015

**Albert Zammit [K.I. Nru. 95946G] u**
**Mary Jane Muscat [K.I Nru. 253472M]**
**(appellanti)**

**vs**

**Crystal Finance Investments Limited u**
**Carmel Attard (appellati)**

**Il-Qorti:**

Rat **l-Avviz tat-talba tal-atturi tal-14 ta' Lulju 2015** quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar permezz ta' liema ppremettew li (i) l-konvenuti huma debituri fil-konfront tal-atturi ghas-somma ta' elf, seba' mija, sitta u disghin Dollari Awstraljani u hamsa u disghin centezmu (AUD1796.95) ekwivalenti ghal elf, mija u tlieta u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€1183.37) rapprezentanti danni sofferti minnhom; (ii) dan minhabba agir mhux professjonali tal-konvenut Carmel Attard, impjegat tal-kumpanija konvenuta gewwa Ghawdex, meta waqt li kien fdat bil-fiducja tal-atturi, ta pariri hziena dwar l-investimenti taghhom u heba minnhom taxxi u *charges*; (ii) oltre dan l-ammont, il-konvenuti ghandhom ihallsu ukoll l-imghax skont il-ligi; (iii) minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenuti baqghu inadempjenti. Huma talbu lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta jhallsu s-somma msemmija bl-imghaxijiet u l-ispejjez.

Rat **ir-Risposta tal-konvenuti tat-12 t'Awissu 2015**[1] permezz ta' liema eccepew illi (i) preliminarjament, il-konvenut Carmel Attard m'huwiex il-legittimu kontradittur in kwantu huwa dejjem agixxa fil-konfront tar-rikorrenti bhala mpjegat ta' Crystal Finance Investments Limited u ghalhekk dejjem in rapprezentanza ta' din l-istess kumpanija; (ii) bla pregudizzju, fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt; (iii) il-konvenuti dejjem agixxew prudentement fil-konfront tal-atturi, u skont ir-regoli u l-ligi applikabbli. Tant hu hekk li anki l-Awtorita' ta' Servizzi Finanzjarji qieset ilment maghmul mill-istess atturi kontra l-konvenuti fuq il-kaz in

[1] Fol 12.

kwistjoni bhala nfondat; (iv) konsegwentement, il-konvenuti m'huma responsabbli ghall-ebda hlas jew likwidazzjoni ta' danni fil-konfront tal-atturi.

Rat **is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tad-19 t'Ottubru 2016**[2] li ddecidiet hekk-

*"Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jillibera lill-intimat Carmel Attard mill-osservanza tal-gudizzju, qieghed jilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata u konsegwentement jichad it-talbiet tar-rikorrenti.*

*L-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti."*

L-atturi appellaw minn din is-sentenza[3] u l-konvenuti appellati wiegbu[4]. Waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2017[5] dehru l-partijiet assistiti mid-difensuru taghhom u saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

**Preliminari.**

L-appellati ssollevaw il-pregudizzjali tan-nullita' tal-appell a bazi tal-artikolu 8 tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta). In kwantu s-somma pretiza hi taht l-€1,500 stabbilita mill-ligi huma jargumentaw li l-appellanti setghu jappellaw biss fir-rigward ta' erba' kwistjonijiet specifici, u cioe' gurisdizzjoni, preskrizzjoni, nuqqas ta' tharis tad-dispozizzjonjiet tal-artikolu 7 (2) tal-Att u kazijiet fejn it-Tribunal ikun mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalita' u tal-ekwita' skont il-ligi b' mod illi jigu pregudkati d-drittijiet tal-appellanti. Fil-fehma tal-appellati ebda wahda minn dawn il-kwistjonijiet ma huma mertu tal-appell odjern ghalhekk l-appell ghandu jigi dikjarat irritu u null.

**Konsiderazzjoni.**

Huwa pacifiku li s-somma mitluba mill-appellanti f'dawn il-proceduri hija ta' €1,183.37, liema somma hija nferjuri ghas-somma minima ta' €1,500 stabbilita mill-artikolu 8 (3) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta). Huwa applikabbli ghalhekk is-sub-artikolu 2 ta' dan l-artikolu.

L-artikolu 8(2) tal-Att jipprovdi li:

---

[2] Fol 195.

[3] Fol 204 et seq.

[4] Fol 221 et seq.

[5] Fol 233.

*"Indipendentement mill-ammont tat-talba, jista' dejjem isir appell fil-każijiet li ġejjin:*
*(a) fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal;*
*(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;*
*(ċ) fuq kull nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7(2);*
*(d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella."*

Isegwi minn dan li mhux konsentit lil din il-Qorti tikkunsidra u tiddeċiedi appelli li jkunu bażati fuq aggravji li ma jinkwadrawx ruħhom taħt xi wieħed mis-subparagrafi tas-subinċiż (2) appena esposti. Kif qalet din il-Qorti fil-kaz **Champalin Company Limited vs Clinton Zammit et deciza fit-23 t'April 2010**[6] -

*"Ibda biex din il-Qorti ma tistax ma taghmilx bhala osservazzjoni procedurali illi, trattasi li l-ammont tat-talba hu inferjuri ghal €1164.69*[7]*……l-uniku rimedju li kellha s-socjeta` appellanti ghall-ingress quddiem din il-Qorti kien dak li tikkwalifika l-appell taghha taht xi wiehed mill-ipotesijiet prefissi fis-subinciz (2) ta' l-istess Artikolu 8."*

U fil-kaz **Mirage Holdings Ltd vs Cihan Kalkan deciz fl-24 ta' Gunju 2015**[8] -

*"A propozitu ta' dan id-dispost tal-ligi intqal fid-decizjoni fl-ismijiet "**Gasan Insurance Agency Limited noe –vs- The Cargo Handling Company Limited**",* (Appell, 13 ta' Jannar *1999) illi "hu car li kull rikors ta' appell li ma jkunx jaqa' fil-parametri ta' xi wahda minn dawn is-subincizi jkun irritu u null u ghandu jigi skartat minn dina l-Qorti. Inoltre ghandu jkun ukoll car mill-istess rikors ta' l-appell illi l-appellant kellu jhossu aggravat bid-decizjoni tat-Tribunal in kwantu kienet tivvjola xi wahda mis-subincizi fuq elenkati kif dispost fl-artikolu 8 ta' l-istess Att Nru. V ta' l-1995"."*

L-aggravji mressqa mill-appellanti fil-kaz tal-lum huma tnejn:

1. Nuqqas ta' qbil mad-decizjoni tat-Tribunal fejn l-appellat Carmel Attard gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju in vista tal-fatt li hu kien haddiem tal-kumpanija l-ohra konvenuta;

u

2. Apprezzament zbaljat tal-provi.

Ghall-Qorti ma hemm ebda dubju li l-aggravji mressqa quddiem din il-Qorti ma jitrattawx kwistjonijiet dwar gurisdizzjoni tat-Tribunal, dwar preskrizzjoni jew dwar iz-zewg cirkostanzi li jistghu iqumu quddiem it-Tribunal kif stipulati fl-artikolu 7(2) tal-Att.

Lanqas ma gie sollevat ilment ta' xi lezjoni tal-principji ta' imparzjalita' jew ekwita' tat-Tribunal fl-agir tieghu. Izda anke li kieku kellha din il-Qorti tevalwa l-aggravji tal-appellanti minn din l-

[6] App Nru 691/08.

[7] Din is-somma giet sostitwita ghal €1500 bl-Att IV tal-2016 li dahal fis-sehh fid-19 ta' Jannar 2016.

[8] App Nru 14/12.

ottika, ma tirriskontra xejn li jista' jwassalha għall-konvinciment li b'xi mod it-Tribunal aġixxa b'mod gravi kontra d-dettami tal-ekwita' u tal-imparzjalita'.

Fl-ewwel aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li legalment l-appellat Carmel Attard ma kellux jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju il-għaliex kien proprju huwa li kkawża d-danni. Iżda l-argumenti tagħhom juru biss li huma sempliċiment ma jaqblux mal-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet legali li wasal għalihom it-Tribunal fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu. Dan waħdu pero' ma jagħtix lok għal appell a bazi ta' dan is-sub-inċiż. Kif ingħad fil-każ **Caprice Glass Works Ltd vs Anthony Caruana et deciz minn din il-Qorti fis-26 ta' Novembru 2014**[9] -

*"Illi fis-sentenza "**Grima Communications Company Limited vs Victor Said**" deciza fil-15 ta' Mejju, 2002 mill-Qorti ta' l-Appell kif diversament presjeduta l-Qorti qalet:*

*"Id-dritt ta' appell fit-Tribunal għat-Talbiet Żgħar ma jestendix għal każijiet fejn hu allegat li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi mitTribunal ħlief fejn dan esplicitament provdut [Ara **RAF Limited vs Vella Joseph** deciza fid-9 ta' Mejju, 1997 – Imħ J Said Pullicino]. "Hu car li kull rikors ta' appell li ma jkunx jaqa' fil-parametri ta' xi waħda minn dawn issubinċiżi [8 (2) (a) sa (d)] jkun irritu u null u għandu jiġi skartat minn din il-Qorti…." – Aggravji prinċipalment bażati fuq allegata interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi li bl-ebda mod ma huma marbuta u addebitati lil xi nuqqas ta' imparzjalita' tat-Tribunal jew ma' xi allegazzjoni li dan mar kontra d-dettami ta' l-ekwita' kif trid il-liġi ma jaqgħux fil-parametri tal-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 380."*

Fit-tieni aggravju tagħhom l-appellanti ilmentaw minn dak li huma sejħu "apprezzament żbaljat tal-provi mit-Tribunal", u jsostnu li bil-provi li tressqu quddiem it-Tribunal *"…. ma setax wasal għal deċiżjoni li għaliha wasal għaliha"*.

Il-Qorti tinnota li fl-evalwazzjoni tal-fatti t-Tribunal ikkunsidra li:

i. it-talba tal-atturi llum appellanti hija msejsa fuq il-fatt li skont huma, s-socjeta' konvenuta llum appellata kkawżatilhom danni fl-ammont ta' €1,183.37c kawża ta' aġir mhux professjonali wara li tat pariri ħżiena dwar l-investimenti tagħhom u ħbiet minnhom taxxi u *charges*;

ii. Iżda t-Tribunal ma qabilx għax, fl-ewwel lok, ir r-rapprezentant tas-socjeta' appellata kien ċempel lill-appellant Albert Zammit sabiex jinfurmah li l-investiment li kellu f'munita Amerikana kien ser jibda jinżel kif effettivament għamel. Għalhekk ma jistax jingħad li huwa tah parir ħażin f'dan ir-rigward. Infatti sakemm ġie pprezentat l-affidavit ta' Carmel Attard, l-fond li fih kienu nvestiti l-flejjes tar-rikorrenti niżel b'disgħa fil-mija (9%). Jekk xejn allura, l-parir kien wieħed tajjeb;

iii. L-istess haġa jingħad għar-rigward tat-taxxa u ċ-*charges*. It-taxxa tajjeb jew ħażin trid titħallas u kif qal Carmel Attard in kontro-eżami, din xi darba jew oħra riedet titħallas. Għalhekk ma hemmx kwistjoni ta' danni. Wara kollox, biex ir-rikorrenti ħallsu t-taxxa sinjal li kienu qalgħu l-flus;

[9] App Nru 692/11.

iv. Dan apparti l-fatt li r-rikorrenti kien jaf li riedet tithallas it-taxxa ghax huwa kien iffirma dokument li jghid li din kellha tithallas;

v. Ghar-rigward tac-*charges* ta' wiehed fil-mija (1%), dawn kienu dovuti l-ghaliex ir-rikorrenti rega' nvesta mas-socjeta' appellata u skont id-dokument li kien iffirma huwa huwa suppost li kien jaf li kellu jhallas dan l-ammont li wara kollox kien ferm inqas min dak li suppost hallas fir-rejalta. Ghalhekk ukoll ma hemmx kwistjoni ta' danni;

vi. Ghaldaqstant fil-fehma tal-istess Tribunal ma rrizultax li s-socjeta' appellata naqset b'xi mod f'dan il-kaz t-talbiet tal-appellanti gew michuda.

L-ilment tal-appellanti huwa li:

i. Meta l-appellant Albert Zammit staqsa lil Carmel Attard dwar xi hlasijiet hemm biex jinqaleb l-investiment ir-risposta kienet li ma hemm ebda hlas meta dan ma kienx il-kaz;

ii. Attard ma nfurmax lil Zammit illi biex jaqleb minn investiment ghall-iehor kien ser ikun hemm hlas ta' taxxa dovuta u lanqas qallu li kien hemm percentwal ta' spejjez biex jinfetah investiment gdid;

iii. Kif xehed l-appellant quddiem it-Tribunal, li kieku huwa kien jaf li hemm dawn il-hlasijiet ma kienx jithajjar jibdel l-investiment u ghalhekk il-kliem ta' Attard li ma kienx hemm hlasijiet xi jsiru kienet determinanti fid-decizjoni li ha Zammit biex jibdel l-investiment;

iv. Dan kollu huwa ngann jew almenu negligenza grassa li ssarfet f'telf ta' fondi ghall-appellant.

Mis-suespost il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-argumenti li saru fit-tieni aggravju jirriflettu biss in-nuqqas ta' qbil tal-appellanti mal-apprezzament tal-provi u m'hemmx ilment li b'xi mod it-Tribunal agixxa kontra l-ekwita' u l-imparzjalita'. Anzi, jirrizulta li l-provi kollha mressqa u l-pozizzjonijiet rispettivi tal-partijiet dwarhom, inkluz dak li qed jerga' jigi sottomess quddiem din il-Qorti mill-appellanti, ġew mistħarrġa mit-Tribunal li wasal ghall-konkluzjoni li jaghti attendibilita' lit-tezi tal-appellati. Dan huwa gudizzju ta' fatt li bil-ligi hu mholli nterament fid-diskrezzjoni tat-Tribunal, liema gudizzju mhuwiex miftuh ghall-iskrutinju ta' din il-Qorti.

Kif fost ohrajn gie konfermat fil-kaz **Charles Vella et vs Mario Schembri deciz fl-24 t'April 2009**[10] -

*"Fejn allura l-appell ikun……bazat unikament fuq kritika ta' l-apprezzament ta' fatti s-sentenza ma hijiex impunjabbli bil-mezz ordinarju ta' l-appell ghax l-oggett ta' l-appell b'dik ir-raguni ma jikkonfigurax f'xi wahda minn dawk l-ipotesijiet. Fuq dan il-gurisprudenza prevalenti hi wahda konkordi. Ara b'ezemplari* ***"Gasan Insurance Agency Ltd -vs- The Cargo Handling Co Ltd",*** *Appell, 13 ta' Jannar, 1999 u "Andrew Spiteri -vs- Anthony Camilleri", Appell, 5 ta' April, 2006. Jikkonsegwi illi l-appell kif koncepit hu wiehed vizzjat u dan ma jistax hlief iwassal ghad-deklaratorja ta' l-inammissibilita` tieghu;".*

[10] App Nru 551/06.

Issir ukoll referenza ghall-kaz **Dr Kelly Dominic Fenech vs Citadel Insurance plc et deciz fit-3 t'April 2017**[11] -

*"Ghall-qorti m'hemmx dubju li bl-ewwel u t-tieni aggravju l-appellant qieghed jistieden lil din il-qorti sabiex taghmel apprezzament tal-provi mill-gdid. Pero' l-ebda wiehed mill-imsemmija paragrafi ma jidher li qieghed jikkontempla appell minn punt ta' fatt (ara wkoll sentenza ta' din il-qorti,* ***Stephen Chircop vs Mary Grace Caruana*** *tat-28 ta' April, 2004). Il-qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza* ***The Village Bakery Limited vs Albert Balzan*** *tas- 17 ta' Marzu, 2003 fejn din il-qorti qalet hekk dwar l-imsemmija disposizzjoni: "Huwa bil-wisq car illi l-aggravju ma huwa xejn hlief kritika tal-apprezzament li ghamel it-Tribunal ghal dawk li huma fatti u konsiderazzjonijiet legali relatati ghal dawn l-istess fatti. Jista' ghalhekk jinghad minn skrutinju ta' l-obbjezzjonijiet ta' l-appellanti illi ma tezisti l-ebda nuqqas li l-ligi tippostula bhala l-uniku motiv li jaghti dritt ghall-appell. Apparti l-kwistjoni ta' l-imparzjalita` li certament hawnhekk ma tokkorriex lanqas ma jista' jinghad illi l-appellanti wera pozittivament illi d-decizjoni "b'mod gravi" tinsab fondata kontra d-dettami ta' l-ekwita`. Fil-verita` t-Tribunal ma ghamel l-ebda ezercizzju ta' ekwita` u d-decizjoni tieghu kienet bazata unikament fuq konsiderazzjonijiet fattwali li rrizultawlu".*

Abraccjati wkoll dawn il-principji gurisprudenzjali, fic-cirkustanzi, l-Qorti ma ssib xejn fl-appell odjern li jista' b'xi mod iwassalha sabiex tikkonsidrah taht is-subinciz (2) tal-artikolu 8 tal-Kap 380.

**Il-pregudizzjali mqajma mill-appellati dwar in-nullita' tal-appell hija ghaldaqstant gustifikata.**

Fi kwalunkwe kaz, l-appell fil-mertu huwa xorta minghajr bazi, in kwantu l-qorti tqis:

A. **Ilment dwar it-taxxa.**

i. Fit-*Terms of Business Agreement* iffirmat bejn l-appellant Albert Zammit u l-appellat Carmel Attard ghan-nom tas-socjeta' appellata fl-20 t'April 2009[12] u sussegwentement fl-1 ta' Lulju 2014, l-appellant kien irrikonoxxa l-obbligu tieghu li jhallas it-taxxa dovuta fuq l-investimenti tieghu. Fil-ftehim li ta bidu ghar-relazzjoni ta' negozju bejn il-partijiet datat 20 t'April 2009, klawsola 5.6[13] kienet tghid hekk –

*"It is hereby understood and agreed by the Parties that the Customer shall be responsible to pay any and all income and other Taxes whatsoever due under the laws of any relevant jurisdiction arising out of or in connection with the Customer's investment transactions and Customer's Assets and Money in terms of this Agreement and to file all necessary tax returns with the appropriate tax authorities and to comply with all other requirements of the said laws in connection with the said investment transactions and Customer's Assets and Money. For the*

---

[11] App Nru 254/13.

[12] Fol 122 et seq.

[13] Fol 125.

*avoidance of doubt, the Company shall be entitled to make and shall make such deductions and withholdings from such or income derived there from as it may from time to time be required to do in terms of the laws of any relevant jurisdiction."*

Fil-ftehim aggornat tal-1 ta' Lulju 2014, l-istess klawsola hija riprodotta u enumerata 5.5[14].

ii. Dan ifisser li sa mill-bidu nett l-appellant kien konsapevoli tal-fatt li l-investimenti tieghu kienu suggett ghat-taxxa. Fatt li huwa stess ikkonferma fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal fir-rigward ta' okkazjoni precedenti meta kien gibed xi flus mill-investiment tieghu mas-socjeta' appellata u hallas 15% withholding tax. Anzi huwa stess semma li kien hallas Lm1,000 jew Eur1,000 u li din it-taxxa trid tithallas bilfors[15];

iii. Ghaldaqstant, il-fatt ammess minn Carmel Attard stess li dan ma regax gibidlu l-attenzjoni dwar it-taxxa li kien ser ikun soggett ghaliha fuq il-qliegh[16] ma titfa' ebda responsabbilta' legali fuq l-appellati ghax l-appellanti huma tenuti li jafu b'dan l-obbligu taghhom mid-dokumenti ffirmati minnhom stess;

iv. Inoltre, kif anke kkonkludiet l-investigazzjoni li saret mill-MFSA, il-kompitu ta' Carmel Attard kien biss li jaghti lil Zammit parir finanzjarju u mhux parir dwar taxxa[17] tant li gie rimarkat minn din l-Awtorita' li, *"kien ikun ahjar li kieku inti kellimt persuna professjonali intiza fuq affarijiet ta' taxxa biex taghraf tiehu parir personalizzat dwar is-sitwazzjoni fiskali applikabbli ghalik*[18]*"*;

iv. Fir-rigward tad-diskors li ntqal bejn Attard u Zammit dwar jekk kienx hemm hlasijiet dovuti, skont il-verzjoni stess moghtija mill-appellant, huwa rrisponda hekk meta gie mgharraf minn Attard li ma kellux jaghmel hlasijiet –

*"X'jigifieri xejn? Mela intom kif taghmlu profit? U int kif taghmel il-bonus? Ir-risposta kienet li huma ma jaghmlux profit u ma jaghmlux bonus*[19]*".*

Il-kuntest mela kien biss dwar hlasijiet li setghu kienu dovuti lis-socjeta' appellata *per se* ghax hlas ta' taxxa huwa dovut lill-Gvern u ma jiffigura mkien fil-profitti, *bonuses* o meno ta' dik l-istess socjeta';

v. Di piu' l-idea li hu ma kellux ihallas taxxa kienet biss frott ta' dak li ħaseb hu[20] –

---

[14] Fol 81.

[15] Fol 181.

[16] Ittra a fol 44.

[17] Fol 166.

[18] Fol 142.

[19] Fol 36.

[20] Fol 36.

*"….jien hsibt li t-taxxi tal-ispejjez inhallas darba, meta nispicca minn mal-Crystal Finance u mmur banda ohra, ma xi bank jew hekk, mhux meta nibdel minn currency ghall-ohra. Hekk hsibt jien.*

*[….]*

*Ix-xhud: Hekk hsibt jien, li meta nispicca minn mal-Crystal Finance –*

*L-Avukata Dr Marie Josette Farrugia: Imma inti hsibt hekk, imma xi hadd qallek?*

*Ix-xhud: Le ma qalli hadd xejn.*

*[…]*

*Ix-xhud: ….jien ghidt forsi, mohhi qalli li jien inhallas darba x'hin nohrog mill-Crystal Finance."*

vi. L-appellati ghalhekk m'ghandhomx iwiegbu ghall-allegati nuqqasijiet maghmula mill-appellanti kontrihom fir-rigward.

B. <u>Ilment dwar ic-*charges.*</u>

i. Fit-2 ta' Lulju 2014 l-appellanti ffirmaw dokument intestat *Tariff of Charges*[21] li jelenka t-tariffi applikabbli fir-rigward ta' transazzjonijiet li jolqtu l-investimenti tal-klijenti mas-socjeta' appellata;

ii. Fid-dokument intestat *Key Investor Information* ukoll iffirmat mill-appellant, it-taqsima tac-*Charges* turi li l-*exit charge* tas-socjeta' appellata meta klijent johrog minn investiment hija ta' 0% filwaqt li l-*entry charge* ghal investiment gdid hija ta' 2%[22];

iii. Dan ifisser li l-appellanti kienu ben infurmati dwar it-tariffi applikabbli ghat-transazzjonijiet rispettivi indipendentement minn jekk din l-informazzjoni regghetx inghatatilhom jew le mill-appellat Attard;

iv. F'kull kaz, l-appellant Zammit irrikonoxxa l-konsapevolezza tieghu dwar il-hlas ta' dawn it-tariffi fid-dokumenti relattivi li huwa kien iffirma xi xhur qabel ma hareg mill-ewwel investiment u dahal ghal investiment gdid mas-socjeta' appellata[23];

[21] Fol 66 et seq.

[22] Fol 136-137.

[23] Xhieda a fol 178-179.

v. Huwa car li l-appellanti qeghdin jittantaw jinterpretaw it-transazzjoni *de quo* bhala wahda diversa minn dak li effettivament hi. Logikament la nvestitur jaghlaq investiment f'munita partikolari (f'dan il-kaz dik Amerikana) u jidhol f'investiment gdid f'munita diversa (f'dan il-kaz dik Awstraljana) huwa ser jigi soggett ghat-tariffa ta' dhul f'investiment gdid, fatt li l-appellanti kienu tenuti li jafu dwaru mid-dokumenti ffirmati minnhom u esibiti in atti.

In fine l-Qorti tqis ukoll li l-binarji li fuqhom ippernjaw il-kawza l-appellanti huma li nghataw "pariri hziena dwar l-investi taghhom" apparti l-ilmenti dwar it-taxxa u c-charges appena kunsidrati. Mill-provi l-Qorti hija sodisfatta li l-parir li nghataw l-appellanti biex johrogu mill-ewwel investiment kien wiehed tajjeb tant li mill-mument li nghataw tali parir sakemm huma hargu mill-investiment u addirittura anke wara, il-valur tal-qliegħ baqa' niezel[24].

Dan kollu, jwassal lil din il-Qorti ghall-istess konkluzjoni tat-Tribunal fil-mertu u cioe' li ma kien hemm ebda kwistjoni ta' danni kawzati lill-appellanti fil-vicenda kollha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara l-appell irritu u null, bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

**(ft.)** Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

[24] Dok C u Dok D a fol 64-65.